# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 542/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

Vs

**Andre' Falzon**

iben Desmond u Helen Lorna nee' Baldacchino, mwieled Pieta' nhar is-17 ta' Awwissu 1986, residenti Blackman Crt Flat 1, Triq Mimosa, Pieta' u/jew 21, Flt 13, Brookside Crt, Triq Patri Feliċ Sammut, Qawra, detentur tal-karta ta'l-identita numru 401286(M)

u

**Sean Farrugia**

iben George u Jane nee Vella, imwieled Pieta nhar is-27 ta' Awissu 1989, residenti Springtide, Triq Luigi Onofrio, Birkirkara, detentur tal-karta tal-Identita numru 389789(M)

Illum, 28 ta' Jannar 2022

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Andre' Falzon u Sean Farrugia akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, fit-2 t'Ottubru 2009 u fit-tmien (8) xhur ta' qabel din id-data:

a) assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina (il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha) f'dawn il-Gżejjer kontra id-diżposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li ippromovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw assocjazzjoni;

b) fornew jew pprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellhom liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienu awtorizżati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga u ma kienux fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellhom liċenzja jew xort'oħra awtorizżati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal- 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

c) kellhom fil-pussess tagħhom d-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-liċenzja jew xort'ohra awtorizżati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess tagħhom u naqsu milli jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilhom għall-użu tagħhom skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) talli kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta cannabis, kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) talOrdinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tagħhom;

e) kif ukoll talli kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Sean Farrugia wahdu</u>:

Kien akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-2 t'Ottubru 2009 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

f) biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta cannabis, kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil Andre Falzon wahdu:

g) akkużat talli sar reċidiv wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dott. D. Clarke, liema deċiżjoni hija definittiva;

h) talli fit-2 ta' Ottubru 2009 u fit-tminn (8) xhur ta' qabel din id-data, pproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan ai termini tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-09 ta' Novembru 2012, fejn il-Qorti:

*Fil-konfront tal-imputat Andre Falzon:*

Wara li rat l-Artikolu 8(d), 8(a), 8(b), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat Andre Falzon ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u kkundannatu għal piena ta' sitt (6) snin priġunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull żmien li l-ħati għamel taħt arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab ħati tagħhom - u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u għoxrin Euro (€120.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero' jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

*Fil-konfront tal-Imputat Sean Farrugia:*

Wara li rat l-Artikolu 8(d), 8(a), 8(e), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(1)(f), 22(1A), 22(1B), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imputat Sean Farrugia ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' ħames (5) snin priġunerija effettiva, u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u għoxrin Euro (€120.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero' jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jigi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

*Fil-konfront taż-żewġ imputati:*

Inoltre, il-Qorti tordna lill-ħatjin iħallsu nofs (1/2) kull wieħed l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta – ħlief l-ispejjeż tal-espert PS 186 Kristian Mintoff li r-rapport tiegħu jinsab eżebit bħala Dok KM a fol. 47 tal-proċess, u tal-espert PS964 Robert Scicluna li r-rapport tiegħu jinsab eżebit bħala Dok RS1 a fol. 96 tal-proċess. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur, b'dan li jekk l-ħatjin jonqsu li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċentezmu (€11.65) dovut. Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi magħha eżebiti jiġu distrutti taħt is-supervizjoni tar-Reġistratur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Andre' Falzon, ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2012 fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn sabitu ħati taħt l-akkuża (h) u ċioe' li ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis u minflok tiddikjara li mhux qed tieħu konjizzjoni minn din l-akkuża; illi għal dak li jikkonċerna l-akkuża (e) u ċioe' il-pussess sempliċi tar-raża tal-Cannabis għandha tikkonferma s-sentenza appellata biss

jekk tiddikjara li din l-akkuża hija fil-fatt kompriża u involuta f'akkuża (h); illi umbgħad għal dak li jikkonċerna l-akkuża (c) il-Qorti għandha tħassar is-sentenza f'dan ir-rigward, u minflok jew tilliberah jew jekk jinstab ħati tal-akkuża (b) tiddikjara l-istess akkuża kompriża u involuta fl-akkuża (b); għandha umbgħad għal dak li jikkonċerna l-akkuża (a), l-assoċjazzjoni fil-bejgħ jew traffikar tal-pjanta cannabis, l-akkuża (b) traffikar ta' kokajina, u l-akkuża (d) pussess aggravat tal-pjanta Cannabis, tħassar is-sentenza u tillibera lill-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet, u okkorendo li fl-aħħar jekk ikun il-każ tvarja l-piena u tipprovdi għal piena aktar miti u idonja fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sean Farrugia ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2012 fejn talab lil din l-Qorti tvarja, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni mmarkata bl-ittra (e) u tħassar, tirrevokaha u tikkanċellaha fil-bqija b'dan illi tilliberah minn kull ħtija u piena, jew alternattivament tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-lanjanza komuni mqanqla fiż-żewġ appelli ntentati mill-appellanti Falzon u Farrugia hija marbuta mall-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti tal-provi miġjuba quddiemha u dan meta ngħata piż lix-xiehda mogħtija mix-xhud ewlieni u determinanti f'dawn il-proċeduri ċertu David Bajada. Fil-fatt apparti l-prova magħmula permezz tad-droga li ġiet misjuba fiżikament u materjalment fil-pussess tal-appellant Falzon, is-sejbien ta' ħtija għar-reati tal-assoċjazzjoni bil-għan li tiġi traffikata id-droga u r-reat fih innifsu ta' traffikar ta' droga tistrieħ essenzjalment fuq id-deposizzjoni tax-xhud David Bajada li jippunta subajgħ lejn l-appellanti bħala ż-żewġ persuni li kienu jipprovduh bid-droga.

Illi minn qari tas-sentenza impunjata jemerġi eżerċizzju metikoluż u dettaljat magħmul mill-Ewwel Qorti tal-verżjonijiet mogħtija mill-atturi ewlenin f'din il-viċenda kriminali u ċioe' il-verżjonijiet mogħtija fl-istqarrijiet ġuramentati u d-deposizzjonijiet *viva voce* mogħtija fil-qorti mill-appellanti Falzon u Farrugia u mix-xhud David Bajada. Meta imqiegħda fuq il-miżien tal-kredibbilita' u verosimiljanza, l-Ewwel Qorti għazlet li tagħti affidament lil Bajada u dan għar-raġunijiet indikati dettaljatament fis-sentenza impunjata.

Issa qabel ma tinoltra ruħha f'eżami ta' dan l-aggravju komuni, il-Qorti trid qabel xejn tindirizza il-lanjanza ta' natura proċedurali mqanqla mill-appellant Andre' Falzon u dan meta jilmenta illi l-imputazzjoni li iġġib l-ittra (h) mhijiex koperta bl-Ordni ta'l-Avukat Ġenerali maħruġ fl-04 ta' Ottubru 2009 biex b'hekk l-Ewwel Qorti ma setatx tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-imputazzjoni (h) miġjuba unikament kontra l-appellant Andre' Falzon taqra hekk:

> **talli fit-2 ta' Ottubru 2009 u fit-tminn (8) xhur ta' qabel din id-data, pproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan ai termini tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Din l-imputazzjoni allura tirreferi għal data oħra u mhux dik marbuta mal-viċenda kriminali ewlenija mertu ta' dawn il-proċeduri u dan meta x-xhud David Bajada isemmi okkażjoni oħra meta l-appellant Falzon kien wiegħdu li ser ibiegħlu sapuna tar-raża tal-cannabis għal prezz ta' €900. Bajada jikkontendi illi huwa għadda din is-somma ta' flus lil Falzon, iżda dan ta'l-aħħar qatt ma ipprovdieh b'din id-droga kif kienu wiegħdu u l-flus baqgħu qatt ma ġew lilu ritornati. Minn eżami tal-atti jemerġi illi din l-imputazzjoni ġiet miżjuda permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tat-22 ta' Frar 2012 u allura tlett snin wara li kien inħareġ l-Ordni tal-Avukat Ġenerali fit-termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u allura, fil-fehma tad-difiża, l-Ordni maħruġ fl-04 ta' Ottubru 2009 ma jistax ikopri imputazzjoni li nġiebet kontra l-appellant fit-22 ta' Frar

2012. L-appellant Falzon jagħti ruħu b'notifikat biż-żieda ta' din l-imputazzjoni u jeżenta lil Qorti milli tisma' l-provi mill-ġdid.

Issa minn qari ta' dak dispost fl-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jemerġi l-għan tal-leġislatur wara l-Ordni tal-Avukat Ġenerali f'dawk il-kawżi li huma marbuta ma' pussess u traffikar ta' droga u dan meta hemm dispost testalwment hekk:

> **Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex),skont kif jordna l-Avukat Ġenerali**

Dan ifisser illi l-Avukat Ġenerali ma joħroġx ordni jew awtorizazzjoni sabiex persuna titressaq quddiem Qorti, iżda biss jagħzel liema Qorti ser tiġġudikah.

> **"Il-funzjoni ta' l-Avukat Generali ai termini ta' l-artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tidhol fix-xena mhux bhala pre-rekwizit biex jigu istitwiti proceduri penali, bhalma huwa l-kaz ta', per ezempju, l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju fejn il-ligi trid u timponi illi qabel ma jkunu jistghu jinbdew il-proceduri, huwa rikjest sine qua non il-permes jew l-awtorizzazzjoni ta' l-Avukat Generali, izda bhala pre-rekwisit ghal dik li hija x-xelta ta' liema Qorti sejra tiggudika lill-imputat jew akkuzat skond il-kaz. Dak li l-artikolu 22 (2) tal-Kap, 101 jippreciza huwa illi l-Qorti li eventwalment sejra tiddecidi l-kaz ta' allegat ksur tad-disposizzjonijiet ta' dak il-Kap, ma jaghzilix l-imputat kif jista' jaghmel prattikament fil-kazijiet kollha kriminali, fejn jista jkun hemm ix-xelta prevista mil-ligi, izda jaghzilha l-Avukat Generali. Fil-kaz tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Pulizija ghandha dejjem id-diskrezzjoni li tmexxi u tipprezenta lil dak li jkun u takkuzah quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali, pero', liema Qorti eventwalment se jkollha l-gurisdizzjoni illi tiddecidi dak il-kaz ma jiddependix mill-Pulizija, anqas mill-akkuzat, imma jiddependi esklusivament mill-Avukat General. Ebda awtorizzazzjoni mill-Avukat Generali m'hija rikjesta mil-ligi biex jinbdew il-proceduri u li dak li hemm previst mil-ligi hija d-diskrezzjoni assoluta ta' l-Avukat General li jiddecidi hu u mhux l-imputat mil-liema Qorti ser jigi ggudika l-istess imputat.[1]"**

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Mifsud deċiża Appell Superjuri 05/02/1996

Illi minn dan l-insenjament ġurisprudenżjali mfassal fuq il-kelma tal-liġi in materja, huwa evidenti illi il-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva ma kien jenħtieġilha ebda awtoriżazzjoni mill-Avukat Ġenerali sabiex iżżid imputazzjoni fil-konfront tal-appellant u setgħat liberalment tagħmel dan quddiem il-Qorti, li l-Avukat Ġenerali, fid-diskrezzjoni fdata f'idejh bil-liġi, kien iddeċieda li kellha titmexxa il-kawża. Il-Qorti tal-Maġistrati, adita mill-Avukat Ġenerali bl-Ordni minnu maħruġ sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawza fil-kompetenza tagħha ta' Ġudikatura Kriminali, kellha is-setgħa skont il-liġi tmexxi l-każ 'il quddiem mingħajr ebda direzzjoni oħra minn naħa tal-Avukat Ġenerali, inkluż allura li tawtorizża kwalunkwe żieda jew korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, kif mitlub mill-Prosekuzzjoni. Għaldaqstant għal dawn il-motivi dan l-aggravju imressaq mill-appellant Andre' Falzon qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt illi ġaldarba David Bajada fis-sentenza mogħtija mill-istess Qorti kien ġie lliberat mill-akkuża dwar l-assoċjazzjoni, billi kienet tal-fehma illi Bajada ma kien daħal f'ebda ftehim ma' terzi bil-għan li tiġi ittraffikata d-droga, allura l-appellanti lanqas ma setgħu jinstabu ħatja ta' dina l-imputazzjoni. Illi l-Qorti ħadet *judicial notice* tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-kawza fl-ismijiet ***il-Pulizija vs David Bajada*** deċiża fit-08 ta' April 2011 fejn ġie hekk deċiż:

> **"Mill-istqarrija guramentata ta' l-imputat, jirrizulta li huwa kien ibiegh jew jaghti b'xejn ir-rasa tal-cannabis jew il-haxixa lil madwar sitt persuni li huma hbieb tieghu sabiex izommhom jibqghu jigu ghandu, peress li huwa kien ihossu wahdu. Dak iz-zmien l-imputat kien jghix wahdu go penthouse. Dan il-fatt mhux kontradett mill-provi, lanqas mill-istqarrijiet guramentati ta' Andre Falzon u Sean Farrugia. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li qabel beda jittraffika, l-imputat kien dahal fi ftehim ma' xi terza persuna dwar il-mod kif kellu jittraffika l-cannabis."**

Dawn il-fattispeċje kif indikati f'din is-sentenza allura m'għandhom xejn jaqsmu mal-fattispeċje li fuqhom ġiet imsejsa l-akkuża dwar l-assoċjazzjoni fir-reat ta' traffikar ta'

droga kif miġjuba kontra l-appellanti Falzon u Farrugia. Illi tgħid hekk is-sentenza appellata b'referenza għal din l-imputazzjoni:

> **"Ghal fini tal-prov ta' din l-imputazzjoni, ix-xhud ewlieni huwa David Bajada. Huwa xehed kif l-imputati kienu tawh informazzjoni dwar il-possibilita li jixtri ammont sostanzjali ta' haxixa bi prezz tajjeb hafna minghand terzi u huwa accetta. Fil-fatt il-prezz kien gie ukoll specifikat fil-bidu ta' dan il-ftehim li l-imputati ghamlu negozjati ma' terzi ghan-nom ta' Bajada. Ghalhekk l-element ta' ftehim u l-element tal-intenzjoni li tigi ttraffikata d-droga gew ippruvati.**
>
> **Fir-rigward tat-tielet element, cioe l-ftehim dwar il-mezzi li ghandhom jintuzaw, Bajada xehed f'dettal kbir kif sar l-inkontru mat-terzi persuni, kif diga gie spjegat aktar il-fuq. Huwa inghata istruzzjonijiet mill-imputati biex imur hdejn il-gabbana tal-gelati f'Bahar ic-Caghaq, fejn iltaqa' mal-imputati li kienu f'karozza ohra u imbaghad giet koppja ohra f'karozza ohra u qalulhom biex isegwuhom, u saqu ghal go side road f'parti mwarrba ("secluded") tat-triq. Sean Farrugia nizel ikellem lill-kopja u imbaghad mar jigbor xi haga mill-art minn go qisa ghalqa. Sean tah il-pakkett tal-haxixa u Bajada tah €800 ghax ma kellux l-€1000 kollha li talbuh. Bajada jghid li wara li rcieva l-pakkett huwa telaq minn fuq il-post, u ta r-rimanenti bilanc ta' €200 lil Sean f'pagamenti zghar. Huwa qatt ma rega' ra lill-koppja qabel jew wara dan l-incident. Minn din ix-xhieda, huwa car, li l-imputati u t-terzi kienu ftiehmu sa l-icken dettal, kif kellu jigi ttraffikat dan il-pakkett tal-haxixa.**
>
> **Meta nstab mill-pulizija dan il-pakkett haxixa kien jizen 684 grammi. Bajada xehed li hu kien uza dan il-pakkett, u fil-fatt il-plastic kien miftuh fuq naha wahda. Ghalhekk huwa ragonevoli li wiehed jipprezumi li meta saret din it-transazzjoni, il-pakkett kien jizen aktar."**

Illi allura meta imqabbel dan ir-*ratio decidendi* ma' dak espress fis-sentenza ta' Bajada huwa bil-wisq evidenti illi l-imputazzjonijiet dwar l-assoċjazzjoni kontra dawn it-tlieta minn nies, u ċioe' Bajada minn naħa u Falzon u Farrugia min-naħa l-oħra, kienu msejsa fuq fattispeċje differenti u kwindi l-Ewwel Qorti setghat liberalment issib ħtija fl-appellanti għal dan ir-reat billi ma hemmx dik il-kontradizzjoni ravviżata mill-appellanti fl-aggravju minnhom ntentat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellanti jressqu aggravju komuni marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, li sejset is-sejbien ta' ħtija fil-konfront tagħhom essenzjalment fuq ix-xiehda mogħtija mix-xhud David Bajada, li fil-fehma tagħhom ma kenitx xiehda kredibbli. Illi l-Qorti sabiex tindirizza dan l-ilment eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawza li, fis-sustanza, jikkonsistu b'mod ewlieni fil-verżjonijiet mogħtija mill-atturi priċipali f'din il-viċenda kriminali u ċioe' l-verżjoni ta' David Bajada, u tal-appellanti, b'dawn l-aħħar żewġ verżjonijiet, kif ġustament irrimarkat l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, jiswew għalihom biss u ma għandhomx piż fil-konfront ta' xulxin.

Illi mill-provi kkumpilati jmerġi illi dan il-każ ra il-bidu tiegħu bis-saħħa ta' rapport li kien sar lil pulizija minn omm l-appellant Falzon, wara li din sabet pakkett ħaxixa moħbi taħt tavolina fir-residenza fejn kienet tgħix flimkien mal-appellant. Dan il-pakkett kien tal-piż ta' 684grammi. L-appellant Falzon jiġi arrestat flimkien ma' Sean Farrugia u dawn jinfurmaw lil puliija li dan il-pakkett droga kien jappartjeni lil ċertu David Bajada u peress illi dan tal-aħħar kellu jagħti xi flus lil Falzon, Farrugia kien sab dan il-pakkett fl-appartament ta' Bajada u ħadulu u wara għaddieh lil Falzon biex iżommu bħala rahan sakemm Bajada igħaddielu l-flus li kellu jagħtih. Fil-fatt l-appellanti jikkontendu illi Falzon kien ħalla l-*wallet* tiegħu bl-ammont ta' €400 fl-appartament ta' Bajada, iżda dan beda jiċħad li dan l-*wallet* bil-flus kien fil-pussess tiegħu u ma riedx iroddlu il-flus lura. L-appellant Falzon jassisti lil pulizija sabiex jinstab Bajada. Permezz ta' konsenja kkontrollata, li ssir bl-assistenza ta'l-appellant Falzon, Bajada jiġi arrestat u fl-appartament tiegħu jinstab ammont ieħor ta' cannabis u diversi oġġetti oħra relatati mal-abbuż ta' droga. Jiġi mwaqqaf ukoll zagħżugħ, ċertu Daniel Farrugia, li kien għadu kemm akkwista d-droga minn għand Bajada. Bajada meta jiġi interrogat jipponta subajgħ lejn ż-żewġ appellanti bħala dawk il-persuni li kienu għenuh sabiex jakkwista l-pakkett droga li ġie misjub fir-residenza ta' Falzon. Jikkontendi li dawn kienu aġġixxew bħala intermedjarji sabiex huwa akkwista dan il-pakkett minn għand terzi li baqgħu injoti. L-appellanti jibqgħu jiċħdu l-involviment tagħhom f'dan l-iskambju ta' droga. Bajada iżid

fix-xiehda tiegħu okkażżjonijiet oħra fejn huwa kien ġie avviċinat miż-żewġ appellanti sabiex jakkwista d-droga minn għandhom.

Issa l-Ewwel Qorti kellha ix-xorti tisma' lil dawn it-tlieta minn nies jixhdu *viva voce,* billi l-appellanti joffru id-depozizzjoni tagħhom. Ma hemmx dubbju f'dawn it-tip ta' kawzi fejn ikun hemm żewġ verżjonijiet konfliġġenti illi r-regoli stabbiliti fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali[2] jassumu aktar importanza billi l-komportament tax-xhieda hu fatt importanti ta' kredibbilita':

> "**u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.**'[3]"

Issa huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti kellha vantaġġ fuq din il-Qorti meta ġiet biex tiżen il-kredibbilita ta' dawn ix-xhieda billi hija setgħet tosserva u tapplika aħjar ir-regoli mfassla fl-artikolu 637. Mhux biss, iżda għamlet eżami akkurat tal-verżjonijiet kollha mogħtija minn dawn it-tlieta minn nies u elenkat id-diskrepanzi jew l-inkonsistenzi li, fil-fehma tagħha, kellhom piż determinati għad-determinazzjoni tal-verosimiljanza tad-depożizzjonijiet rispettivi tagħhom. Illi din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn il-verżjonijiet u ma tista' ssib ebda mottiv li jista' iġiegħla titbiegħed mill-fehma tal-Ewwel Qorti jew li jista' jwassalha tqis il-konklużjoni milħuqa fis-sentenza appellata bħala *unsafe* and *unsatisfactory*. Illi x-xhud David Bajada għal aktar minn darba tul id-depożizzjoni tiegħu jibqa' jinsisti illi huwa kien jixtri id-droga minn għand l-appellanti u jiċħad kategorikament illi qatt biegħ droga lil dawn it-tnejn minn nies. Ukoll, għalkemm l-appellanti jinsistu illi d-droga li instabet fil-pussess tal-appellanti Falzon ma kenitx intiża

---

[2]... id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ

[3] JGD appell numru 240/2003 deciza 6 ta' Mejju 2004

għal traffikar, iżda kienet qed tiġi miżmuma unikament bħala rahan, madanakollu is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti għar-reat ta' traffikar u ta' pussess aggravat ta' droga ma kenitx imsejsa fuq dawn il-fatti, iżda fuq il-fatt illi din id-droga kienet ġiet mgħoddija lil Bajada mill-appellanti stess ftit tal-jiem qabel, u li Bajada kien ħallas somma flus lil Farrugia għaliha. Illi ukoll Falzon jisħaq illi Bajjada implikah fir-traffikar ta' droga billi ried ipattihielu minħabba li kien kixfu mal-pulizija. Dan il-fatt, madanakollu ma ġiex ippruvat mill-appellant Falzon billi lanqas isejjaħ bħala xiehda lin-nies li allegatament qalulu b'din l-intenzjoni li skonthom kellu Bajada fil-konfront ta' Falzon. Illi min-naħa tal-appellant Farrugia, ma jirriżulta illi hemm ebda mottiv li seta' jwassal lil Bajada jimplikah flimkien ma' Falzon bħala l-persuna li minn għandu huwa kien jakkwista d-droga. Issa għalkemm huwa indubitat illi Bajada kien iqassam mid-droga li kien ikollu fil-pussess tiegħu lil terzi biex imantni l-vizzju li kellu, u dan kif jammetti huwa stess, madanakollu l-appellanti ma jirnexxielhomx jiskreditaw il-verzjoni tal-fatti mogħtija minn Bajada li jirrakkonta mhux episodju wieħed, iżda varji episodji fejn l-appellanti kienu ibiegħulu d-droga jew javviċinawh biex jakkwista d-droga minn għandhom u fejn saħansitra kienu anke jilagħbuh billi iwegħduh id-droga, jeħdulu l-flus, u imbagħad iħalluh b'idu vojta. Illi din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma tarax illi Bajada kellu jkollu xi mottiv ulterjuri għaliex jivvinta dawn l-episodji varji u mhux allura jillimita ruħu għall-episodju marbut mal-blokka tal-cannabis. Lanqas ma tara li għandha tqies inverosimili r-rakkont ta' Bajada li jagħti dettalji dwar dak li seħħ f'kull episodju, inkluż tal-postijiet fejn seħħew, in-nies involuti u anke dettalji dwar vetturi li intużaw fl-iskambji tad-droga. Illi saħansitra l-ambjent fejn kien igħix Bajada, kif jidher mir-ritratti eżebiti mill-uffiċjali tax-xena tar-reat maħtura fl-inkjesta dwar l-*in genere* marbut ma' dan il-każ, juru bniedem lil jista' jiġi deskritt aktar bħala "*junkie*" milli bħala traffikant tad-droga veru u proprju li jispaċċa biex jagħmel qligħ. Minn dawn ir-ritratti jidher illi Bajada kien iħalli d-droga tiġri kullimkien, (fuq il-mejda, il-bank tal-kċina, pjanti u ħamrija biż-żerriegħa tiġri fl-art) li allura tikkorrobora dak li jgħid fix-xiehda tiegħu. Illi allura filwaqt li x-xiehda ta' Bajada hija dettaljata u konsistenti, l-appellanti, min-naħa l-oħra, għalkemm jiċħdu l-involviment tagħhom kif allegat minn Bajada, madanakollu ma

jressqu ebda prova sal-grad tal-probabbli li tista' tegħleb ir-rakkont tal-fatti kif espost mill-imsemmi Bajada. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet għalhekk, dan l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biex jiġi trattat l-aggravju marbut mal-piena erogata fil-konfront ta'l-appellanti mill-Ewwel Qorti li huma jqiesu bħala eċċessiva. Illi jibda biex jingħad illi f'dan l-istadju ta' revizjoni reġa' xehed l-Assistent Kummisarju Dennis Theuma li ddikjara illi fil-konfront taż-żewġ appellanti għandu jiġi applikat l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta bi grad. Illi din id-disposizzjoni tal-liġi ġiet applikata mill-Ewwel Qorti biss fil-konfront tal-appellant Falzon billi sa dak iż-żmien il-Prosekuzzjoni ma kenitx iddikjarat illi dan kellu japplika ukoll fil-konfront tal-appellant Farrugia. Illi ukoll għalkemm l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx fil-parti deċiżorja tas-sentenza appellata illi l-appellanti kienu ser jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta'l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu mill-konsiderazzjonijiet minnha magħmula ai fini ta' piena jidher illi qieset illi konkors ta' reati u pieni u dan fir-rigward tar-reati tal-pussess aggravat tad-droga u it-traffikar ta'l-istess.

Illi ukoll iż-żewġ appellanti jikkontendu illi huma ppruvaw jirriformaw ħajjithom miż-żmien tal-kummissjoni tar-reati lilhom addebitati. Issa minn provi li nstemgħu fir-rigward f'dan l-istadju ta' reviżjoni, għalkemm huwa minnu illi llum dawn iż-żewġ ġuvintur qegħdin jagħmlu l-almu tagħhom biex jegħlbu il-vizzju tad-droga li ħakmilhom ħajjithom[4], madanakollu dan il-każ jikkonċerna traffikar ta' droga f'ammont mhux negliġibbli. Fil-fatt għal dan il-motiv ewlieni l-Qorti ma tistax tagħmel dak mitlub mill-appellant Andre' Falzon u ċioe' illi meta tiġi biex tqis dan l-aggravju għandha tieħu in

---

[4] Ara social inquiry report redatt favur Sean Farrugia a fol.379 et seq. u xhieda Carmen Borg, Rebecca Dimech, u Dr. John Zammit Montebello. (Volume 3)

konsiderazzjoni id-disparita' mal-piena inflitta fuq David Bajada ta' sena priġunerija, billi l-fattispeċje ta' dak il-każ marbut mar-reat ta' traffikar ta' droga kienu differenti, bl-ammont allegatament traffikat ikun anqas u wkoll billi Bajada ġie illiberat mir-reat tal-assoċjazzjoni. Dak li ma qiesitx l-Ewwel Qorti u li allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa fatt li kellu jimpinġi fuq il-*quantum* tal-piena, huwa r-rwol li kellhom l-appellanti f'din il-konġura kriminali billi huwa indubitat, mill-provi akkwiżiti, illi huma aġġixew bħala intermedjarji fl-iskambju li seħħ tal-ammont ta' madwar 700 gramma droga, bl-ispaċċaturi veru u proprji qatt ma jiġu interċettati mill-pulizija. Illi abbinat ma' dan il-fatt ukoll il-Qorti tqies illi tenut kont tat-trapass taż-żmien minn meta seħħew ir-reati u l-fatt illi ż-żewġ appellanti għamlu progress f'ħajjtihom, u li ukoll fil-konfront ta' Sean Farrugia għandu jiġi applikat l-artikolu 29 tal-Kap.101, hemm lok għal temperament fil-piena li neċessarjament trid tkun waħda karċerarja.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' limitatament l-appell imressaq mill-appellanti Andre' Falzon u Sean Farrugia, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn sabet liż-żewġ appellanti ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, iżda tvarja il-piena karċerarja inflitta u wara li applikat fil-konfront taż-żewġ appellanti il-provvedimenti ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u ta'l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellant Andre' Falzon għal piena ta' erba' snin priġunerija u lil Sean Farrugia għal tlett priġunerija u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Edwina Grima

Imħallef